**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 313/2017**

**Banif Bank (Malta) plc numru ta' registrazzjoni C41030 u b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2017 isem il-Bank attur inbidel ghal BNF Bank plc**

**Vs**

**Ronnie Mangion (K.I. numru 520281M)**

**Illum, 30 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' Banif Bank (Malta) plc fit-18 ta' Ottubru, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti:-

*Tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u sebghin Ewro u erbgha u hamsin centezmuu (€10,370.54) rapprezentanti ammont dovut minnu fuq kontijiet tieghu personali u tieghu ma' terzi solidalment, mizmuma mal-kumpanija esponenti u specifikament kif ser jinghad hawn taht:*

*Fuq Lifestyle Loan Account numru 384020 71 1 u li jikkoncerna self koncess lilu u lil terzi solidalment ai termini ta' Credit Agreement datat 17 ta' Frar 2014 (ara Dok. 'A'), hemm dovut l-ammont ta' tmint elef, hamsa u tmenin Ewro u sebghin centezmu (€8,085.70) u sad-29 ta' Settembru 2017, tali ammont kien jinkludi mija u sitta u sittin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€166.31) f'imghaxijiet (ara l-istatement Bankarju markat Dok. 'B'), u*

*Fuq Overdraft/Current Account numru 384020 10 1 u li jikkoncerna self koncess lilu u lil terzi solidalment ai termini ta' credit agreement datat 4 ta' Frar 2014 (ara Dok. 'C'), hemm dovut l-ammont t'elf, erba' mija u seba' Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1407.25) u sad-29 ta' Settembru 2017, tali ammont kien jinkludi sebgha u ghoxrin Ewro u sittax-il centezmu (€27.16) f'imghaxijiet (ara l-istatement Bankarju markat Dok. 'D), u*

*Fuq is-Savings Account numru 384020 18 1, mizmum minnu ma' terzi solidalment (ara l-Account Opening Form immarkat Dok. 'E'), hemm dovut l-ammont ta' mitejn u wiehed u ghoxrin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€221.88) u sad-29 ta' Settembru 2017, tali ammont kien jinkludi ergha Ewro u hamsa u tletin centezmu (€4.35) f'imghaxijiet (ara l-istatement Bankarju markat Dok. 'F'). Dan l-ammont jikkoncerna spejjez Bankarji relatati mal-Lifestyle Loan u l-Overdraft/Current Accounts fuq imsemmija ;*

*Fuq il-Credit Card numru 4196 7960 0014 5465 tieghu personali koncessa permezz tal-Credit Agreement datat 5 ta' Novembru 2013(ara Dok. 'G'), hemm dovut l-ammont ta' sitt mija u hamsa u hamsin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€655.71) u sad-29 ta' Settembru 2017, tali ammont kien jinkludi ghaxar Ewro u erbgha u sittin centezmu (€10.64) f'imghaxijiet (ara l-istatement Bankarju markat Dok. 'H');*

*Illi l-ammont mitlub f'din il-kawza sar dovut kollu lill-kumpanija esponenti:*

*Ai termini t'Artikolu 15 tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' kwantu l-Lifestyle Loan Account fuq imsemmi, t'Artikolu 8 tal-Credit Agreement markat Dok. 'C' kwantu l-Overdraft/Current Account fuq imsemmi u ai termini tal-Artikolu 11 tal-Credit Agreement markat Dok. 'G' kwantu l-Credit Card fuq imsemmi, u dan ghax sehhew wahda jew aktar mill-events of default inkluzi f'dawn id-dokumenti, partikolament, izda mhux esklussivament:*

*"a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

*c) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility", u*

*ai termini t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use marbuta mas-Savings Account fuq imsemmi (ara Dok. 'I');*

*Illi l-kumpanija esponenti interpellatu personalment u lilu ma' terzi diversi drabi sabiex isir il-hlas tal-ammont dovut, fosthom permezz ta' ittri legali datati 12 ta' April, 2017 u 11 ta' Mejju 2017 (ara Dok. 'J' u Dok. 'K' rispettivament) u ittri ufficjali numri 1766/2017 u 1799/2017 mahruga a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta rispettivament fit-28 ta' Lulju 2017 u fit-8 ta' Awissu 2017 (ara Dok. 'L' u Dok. 'M' rispettivament), izda l-konvenut baqa' inadempjenti u sahansitra oppona t-talba ghall-hlas permezz ta' risposti sottomessi minnu (ara Dok. 'N' u Dok. 'O' rispettivament);*

*Illi mid-dejn fuq imsemmi ghadu ma gie saldat xejn, la mill-konvenut u lanqas minn terzi;*

*Illi dan ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

*Illi r-rapprezentanti tal-kumpanija esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment;*

*Bl-imghaxijiet mid-29 ta' Settembru 2017 sad-data tal-hlas effettiv skond ir-rati kummercjali tal-Bank kif gie miftiehem mal-konvenut meta nfethu l-kontijiet bankarji fuq imsemmija, ossija bir-rata ta' ghaxra punt hamsa fil-mija (10.5%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Lifestyle Loan Account (ara Artikoli 6 u 15 ta' Dok. 'A') gja msemmi; bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq l-Overdraft/Current Account u s-Savings Account (ara marker bl-ahdar fuq it-Tariff of Charges relattiva u markata Dok. 'P'); u bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Credit Card (ara Artikolu 4 ta' Dok. 'G' gja msemmi);*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali u l-ittri ufficjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru numru 1462/2017, mahrug kontestwalment mal-ittra ufficjali numru 1799/2017 fuq imsemmija u inkluzi wkoll charges Bankarji mid-29 ta' Settembru 2017 sad-data tal-hlas effettiv: kwantu l-Lifestyle Loan Account, skond il-Credit Agreement markat Dok. 'A' u msemmi aktar 'il fuq u t-Tariff of Charges relattiva (ara Dok. 'Q'); kwantu l-Overdraft/Current Account, skond Dok. 'C' u Dok. 'P' msemmijin aktar 'il fuq; kwantu s-Savings Account , skond Dok. 'I' u Dok. ' P' msemmijin aktar 'il fuq); u kwantu l-Credit Card, skond Dok. 'G' gja msemmi aktar 'il fuq u kif ukoll il-Conditions of Use u – Tariff of Charges relattivi (ara Dok. 'R' u Dok. 'S' rispettivament);*

*Il-konvenut qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija esponenti fil-konfront tieghu.*

Rat ir-risposta pprezentata mill-konvenut **Ronnie Mangion** fil-5 ta' Dicembru, 2017 fejn ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:-

1. *Illi fl-ewwel lok jinghad illi kif del resto huwa ammess mis-socjeta' attrici fit-talba taghha, il-kontijiet u self in kwistjoni mhumiex esklussivament tal-esponent, izda huma tieghu u tal-eks partner tieghu, Bree Miller detentrici tal-karta tal-identita' numru 0366308L li ghandha kwindi tigi kjamata fil-kawza odjerna;*

2. *Illi fil-mertu, minghajr pregudizzju, irid l-ewwelnett jigi ppruvat li gew avvanzati lill-konvenut is-somom pretizi, iridi jigi ppruvata x'rata ta' imghax kienet applikabbli ghal tali somom fid-diversi perjodi tar-relazzjoni bankarja bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut, u jrid jigi ppruvat x'servizzi gew rezi mis-socjeta' bankarja attrici lill-konvenut, f'kaz illi s-somma mitluba tikkomprendi fiha charges, ledger fees jew kommissjonijiet;*

3. *Illi minghajr pregudizzju, in vista ta' l-artikoli 986(2), 1139, 1142 u 1850 sa 1853 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess mil-limitu massimu mpost mil-ligi, kif ukoll imghax compost u charges, ledger fees u kommissjonijiet mhux dovuti li gew mizjuda ma' l-obbligazzjonijiet principali b'qerq tad-disposizzjonijiet relattivi ghall-anatocizmu u l-uzura latenti, u li ghaldaqstant ghandhom jinqatghu mill-kapital, flimkien ma' l-imghax kompost li rega' gie mizjud fuqhom, ai termini ta' l-Artikolu 185(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma jaqbilx li huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont mitlub kif jista' biss jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri u hemm lok fost affarijiet ohra fejn is-socjeta' agixxiet intempestivament ghall-irkupru ta' somom avvanzati mill-bank attur;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici li hi minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta fis-16 ta' Lulju 2018 permezz ta' digriet moghti mis-STO il-Prim'Imhallef;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota tal-Bank attur a fol. 53 tal-process li biha rriduciet is-sorte minnha mitlub ghas-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u sbatax-il ewro u tmienja u disghin centezmu (€10,317.98), oltre l-imghaxijiet bir-rati imsemmija fir-rikors promotorju u *bank charges u fees* kwantu s-somma li ghadha dovuta u l-ispejjez kollha legali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx iktar provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2018;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**PROVI**

Fis-6 ta' Dicembru, 2017 xehed **Alfred Ferrante** ghan-nom u in rapprezentanza tal-BNF Bank. Ix-xhud qal li huwa jokkupa l-kariga ta' *Manager* fi hdan il-*Corporate Credit Recovery Unit*. Spjega li l-konvenut sar klijent tal-bank fil-5 ta' Novembru 2013 u l-kont kien infetah f'ismu biss. Qal li l-konvenut kellu credit card permezz ta' ftehim datat 5 ta' Novembru 2013 f'ismu. Spjega wkoll illi kien hemm kontijiet ohra f'isem Ronnie Mangion u Bree Laura Miller, fosthom *overdraft* permezz ta' *credit agreement* datat 4 ta' Frar 2014.

Illi l-istess **Alfred Ferrante** rega' xehed fl-10 ta' Jannar 2018, fejn qal li hemm ukoll *credit agreement* iehor li jirrigwarda *life style loan* f'isem il-konvenut Ronnie Mangion flimkien ma' Bree Laura Miller kif ukoll savings account f'isem l-istess zewg persuni, liema kont kien qieghed '*encroached*' jigifieri kien minn taht. Qal li l-ammont mitlub fir-rikors promotur huwa kollu dovut, naturalment bl-imghaxijiet u bl-ispejjez tal-Bank u dawk legali. Ikkonferma li kien hemm deposit fl-*overdraft* fl-ammont ta' €52.56 u dan kien *direct credit* mis-servizzi socjali. Naturalment inharget l-ittra legali fejn il-konvenut gie mitlub sabiex ihallas u jonora l-pagamenti dovuti. Qal ukoll li kienet harget ittra ufficcjali li kienet ukoll ikkontestata u dan ai termini tal-Artikolu 166A u kien ghalhekk li l-Bank wasal biex jiftah din il-kawza. Zied jghid li fil-konfront ta' Lora Bree Miller harget ukoll ittra ufficcjali li saret ezekuttiva u dan peress li ma kinitx giet kkontestata minnha.

Illi fis-7 ta' Marzu 2018 **Alfred Ferrante** rega' xehed u spjega illi l-account f'isem Ronnie Mangion kien tal-*credit card* biss. Kien hemm *joint account* f'isem Ronnie Mangion u Bree Lora Miller li huma s-segwenti: *Overdraft* bin-numru 384020101, *Savings Account* bin-numru 384020181 u *Lifestyle Loan* bin-numru 384020711.

**In kontro ezami** qal li l-Bank qieghed jitlob il-hlas tal-ammonti kollha dovuti fuq il-facilitajiet kollha li nghataw lill-konvenut. Mistoqsi x'kien l-iskop tas-self li l-Bank ta lill-konvenut flimkien ma' Bree Lora Miller u dan b'referenza ghall-*Lifestyle Loan Account* u l-*Overdraft Account,* qal li l-*Lifestyle Loan* (account

number 384020711) jidher li ttiehed ghal uzu personali (*personal use*). Rigward l-*Overdraft Current Account,* ir-raguni tidher fil-*credit agreement* esebit mar-rikors promotur. Li seta' jghid huwa biss dak li deher fil-*credit agreement.* Sostna li ma jidhirx li dawn il-facilitajiet inghataw b'xi rabta ta' proprjeta'. Qal li meta jkun hemm *Lifestyle Loan,* il-flejjes li jigu mitluba bhala *loan* biex jigu trasferiti fil-kont u l-Bank ma jibqghalux kontroll fuqhom, fis-sens dwar dak li jinxtara bihom. Rigward il-kundizzjoni li l-persuna li tinghata s-self trid tinforma lill-Bank b'kull transazzjoni li taghmel, wiegeb li ma kellux fuqu l-informazzjoni dwar il-flejjes li gew irtirati, izda qal li dwar l-*overdraft* jaf li dokumentazzjoni ma hemmx.

Meta rega' xehed fil-15 ta' Mejju 2018, **Alfred Ferrante** esebixxa *statement* rigwardanti l-*Lifestyle Loan* bin-numru 38402071007, fejn jidher li kienet harget is-somma ta' hmistax-il elf (€15,000) fil-21 ta' Frar 2014 (Dokument AF). Ix-xhud esebixxa wkoll *statement* iehor dwar l-*Overdraft* (Dokument AF1), fejn il-flus dahlu f'dan l-overdraft account b'transazzjoni elettronika bis-sahha ta' *credit agreement* datat 4 ta' Frar 2014 (Dokument C). Spjega ulterjorment illi l-*Lifestyle loan* hija *personal loan* li hija flessibli ħafna u għalhekk tintuża for *personal requirements*. Qal li in segwitu, l-klijent jaghmel u juża ċ-*cheque book* biex jagħmel il-pagamenti, liema cheque book huwa regolat mill-mandat Dokument AF3, fejn il-Bank gie awtorizzat jaċċetta firma waħda fuq l-istess cheque book minkejja li hemm żewġ partijiet.

Il-konvenut Ronnie Mangion ma xehedx f'din il-kawza.

## L-EWWEL ECCEZZJONI

Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut eccepixxa illi kellha tigi kjamata fil-kawza Bree Miller li jirrizulta li kienet *joint account holder* mal-istess konvenut f'diversi mill-facilitajiet bankarji koncessi mill-Bank attur mertu ta' din il-kawza. Effettivament, mill-atti jirrizulta illi l-*Lifestyle Loan Account* (Dok. A), l-*Overdraft Account* (Dok. C) u s-*Savings Account* (Dok. E) huma lkoll intestati lill-konvenut u lill-imsemmija Bree Lora Miller flimkien, u huwa biss il-*credit card account* (Dok. G) li jinsab intestat f'isem il-konvenut wahdu.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-ittra ufficjali pprezentata mill-Bank attur kontra l-konvenut kif ukoll Bree Lora Miller a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12[1], b'interpellazzjoni ghall-hlas tal-ammonti allegatament dovuti fuq l-istess kontijiet u facilitajiet bankarji mertu ta' din il-kawza, eskluz id-dejn allegatament dovut fuq il-Credit Card[2]. Din l-ittra ufficjali giet esebita mar-Rikors promotur (Dok. M), u minnha jirrizulta illi l-istess ittra ufficjali bil-kreditu pretiz, giet reza ezekuttiva limitatament fil-konfront ta' Bree Lora Miller fit-28 ta' Settembru 2017 billi l-konvenut Ronnie Mangion ikkontesta l-pretensjoni tal-Bank b'nota ipprezentata fl-atti (Dok. N). Ghalkemm l-imsemmija ittra ufficjali esebita fl-atti hija biss kopja fotostatika informali, il-Qorti tosserva li mhux talli l-awtenticita` taghha ma gietx ikkontestata mill-konvenut, talli waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-abbli difensur tal-istess konvenut irrikonoxxa illi l-Bank kien ottjena titolu ezekuttiv fil-konfront tal-imsemmija Bree Lora Miller ghad-debitu pretiz f'din il-kawza.

Kif jinsab ritenut in materja tal-istitut tas-sejha ta' imharrek iehor f'kawza:-

---

[1] Dok. M a fol 30 *et seq.* Ittra Numru 1766/17.

[2] Il-konvenut gie interpellata ihallas il-kreditu pretiz mill-Bank fuq il-Credit Card account separatament permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Lulju 2017 (Dok. L a fol. 28).

*"L-interess mehtieg biex jiggustifika dan il-provvediment huwa dak stess li huwa rikjest bil-ligi biex tigi proposta azzjoni jew biex tista' tigi opposta kontestazzjoni."*[3]

Billi fil-kaz odjern jirrizulta li hemm qbil li l-kreditu pretiz mill-Bank ghall-ammonti reklamati fuq dawk il-kontijiet u facilitajiet mizmumin konguntivament, gia` gie kanonizzat fil-konfront ta' Bree Lora Miller, il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm ma jistax jinghad li l-imsemmija debitrici ma ghandhiex interess fil-mertu tal-kawza, il-gudizzju f'din il-kawza huwa integru anke minghajr il-presenza u partecipazzjoni taghha u, fic-cirkostanzi tal-kaz, l-imsemmija persuna bl-ebda mod ma tista' titqies bhala indispensabbli ghall-kompletezza tal-proceduri[4].

Konsegwentement, il-Qorti tqis li ma hemmx htiega ghas-sejha tal-imsemmija debitrici f'dawn il-proceduri. Wara kollox, din il-kawza giet intavolata kontra l-konvenut wahdu appuntu biex jinkiseb <u>ukoll</u> fil-konfront tieghu titolu ezekuttiv ghall-ammont pretizi fuq il-kontijiet u facilitajiet li jghajtu kemm lilu kif ukoll lill-imsemmija Bree Lora Miller, ghaliex filwaqt li dan il-kreditu diga` gie kanonizzat fil-konfront ta' Bree Lora Miller, il-konvenut baqa' jikkontesta l-pretensjoni tal-Bank ghall-hlas.

Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut in kwantu sostna li l-imsemmija Bree Lora Miller ghandha tigi kjamata fil-kawza, ma ghandhiex mis-sewwa u qed tigi respinta.

---

[3] **Anthony Azzopardi et vs Calcedonio sive Donald Attard et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 1997.

[4] Vide **Direttur Generali tal-Avjazzjonji Civili vs Panta Contracting Limited et**, deciza mill-P.A. Qorti Civili fit-18 ta' Novembru 1998

**<u>MERTU</u>**

Il-Bank attur f'din il-kawza qed jitlob il-hlas tas-segwenti ammonti allegatament dovuti fuq diversi kontijiet u facilitajiet bankarji koncessi *inter alia* lill-konvenut. Dawn huma:-

- €8,085.70 fuq *Lifestyle Loan Account* numru 384020711;
- €1407.25 fuq *Overdraft/Current Account* numru 384020101;
- €221.88 fuq *Savings Account* numru 384020181;
- €655.71 fuq *Credit Card* numru 4196 7960 0014 5465.

**<u>Prova li gew Avvanzati lill-Konvenut is-Somom Mitluba</u>**

Il-konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghu, talab *inter alia* li tingieb prova li l-ammonti pretizi mill-Bank gew avvanzati lilu.

Fir-rigward tas-self u l-*overdraft facility*, Alfred Ferrante, rapprezentant tal-Bank attur, spjega fix-xhieda tieghu illi uhud mill-facilitajiet mertu ta' din il-kawza li qed jintalab il-hlas fuqhom, inghataw lill-konvenut konguntivament ma' Bree Lora Miller. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-iskop tas-self (*Lifestyle Loan*) u l-*Overdraft Account* li nghataw lill-konvenut u lil Bree Lora Miller, kien ghall-uzu personali taghhom. Dan wara kollox jinsab espressament stipolat fil-ftehim tal-koncessjoni tal-facilita` *Lifestyle Loan* datat 17 ta' Frar 2014 (Dok. A a fol. 4 *et seq.*) kif ukoll fil-ftehim tal-koncessjoni tal-*overdraft facility* datat 4 ta' Frar 2014 (Dok. C a fol. 11).

Ikkunsidrat;

Il-prova li giet avvanzata lill-konvenut is-self konsistenti fil-***Lifestyle Loan Account*** (numru 38402071001) jirrizulta mill-i*statements of account* Dok. AF, AF1 u AF2 (li huma identici), li juru li fil-21 ta' Frar 2014 kien hemm *draw-down* f'dan il-kont fis-somma ta' €15,000, liema somma giet depozitata jew trasferita mill-Bank b'transazzjoni elettronika fl-*overdraft/current account* bin-numru 38402010001 skont kif miftiehem fil-*credit agreement* datat 4 ta' Frar 2014 (Dokument C), u skont kif jidher fl-i*statements of account* relattivament ghall-imsemmi kont kurrent[5].

Fir-rigward tal-imsemmi ***kont kurrent/overdraft*** bin-numru 38402010001, jirrizulta li dan il-kont kien infetah fuq talba kongunta tal-konvenut u ta' Bree Lora Miller fil-5 ta' Novembru 2013, kif jirrizulta minn Dok. AF3[6], u minn dan il-kont jidher li saru diversi *withdrawals* permezz ta' *cheques* anke wara l-21 ta' Frar 2014 meta sar id-depozitu tal-ammont tas-self fl-istess kont. Alfred Ferrante fix-xhieda tieghu jikkonferma[7] illi in segwitu ghad-depozitu tas-somma rapprezentanti s-self koncess lill-klijent, il-Bank ma jibqghalux kontroll fuq l-uzu tal-ammont u illi f'dan il-kaz intuza *cheque book* biex isiru pagamenti mill-kont kurrent. Jirrizulta wkoll illi l-uzu ta' dan ic-*cheque book* huwa regolat mill-ftehim Dok. AF3[8], fejn jirrizulta li l-Bank gie awtorizzat mill-konvenut u minn Bree Lora Miller li jaccetta firma ta' wiehed minnhom biss fuq *cheques* mahrugin minn dan il-kont kongunt.

Konformament, il-Qorti tqis li gie sodisfacjentement ippruvat illi s-somma ta' €15,000 li minnu presumibbilment jifforma parti l-bilanc ta' €8,085.70 pretiz fuq il-*Lifestyle Loan Account*, mhux biss giet avvanzata lill-konvenut ghall-uzu tieghu, izda giet ulterjorment trasferita ghal gol-kont kurrent bin-numru 38402010001 li huwa wkoll tal-konvenut.

---

[5] Vide fol.61, 63 u 66 *tergo.*

[6] A fol. 64.

[7] Xhieda Alfred Ferrante fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018.

[8] Fol. 64.

Imbaghad, il-fatt illi giet koncessa lill-konvenut facilita` ta' *overdraft* fuq l-imsemmi kont kurrent bin-numru 38402010001 sa somma massima ta' €1,000, jirrizulta mill-ftehim Dok. C a fol. 4, iffirmat *inter alia* mill-konvenut. Il-konvenut baqa' ma kkontestax li sar dan il-ftehim u ghalhekk il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` li tikkonkludi li din il-facilita` wkoll giet debitament koncessa lill-konvenut kif miftiehem.

In kwantu mbaghad ghall-***Credit Card Account*** bin-numru 4196 7960 0014 5465, il-Qorti hija tal-fehma li anke hawnhekk hemm bizzejjed provi fl-atti biex juru li l-Bank avvanza dan il-kreditu lill-konvenut f'dan il-kont. Il-Qorti fehmet li l-bilanc pretiz mill-Bank fuq dan il-*Credit Card account,* fis-somma ta' €655.71, jifforma parti mill-kreditu avvanzat mill-konvenut skont il-ftehim Dok. G[9] iffirmat mill-konvenut[10] li ma giex kontestat minnu, u fil-fehma taghha huwa evidenti li l-Bank accetta li jipprovdi *credit card* lill-istess konvenut b'limitu ta' kreditu fis-somma ta' €1,000.

Ferm dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi in kwantu ghall-*Lifestyle Loan Account, Overdraft/Current Account* u l-*Credit Card Account*, jirrizulta li l-fondi relattivi li minnhom jifforma parti l-bilanc mitlub f'din il-kawza, gew effettivament avvanzati lill-konvenut u konsegwentement, l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija infondata u qieghda tirrespingiha.

Ikkunsidrat;

Illi madanakollu, l-istess ma jistax jinghad riferibbilment ghall-ammont pretiz fuq is-***Savings Account*** bin-numru 384020181 (Dok. E). Il-Bank isostni fir-rikors

[9] A fol. 17 *et seq.*

[10] Il-konvenut qatt ma kkontesta li l-ftehim Dok. G mhuwiex iffirmat minnu.

promotur li l-ammont mitlub fuq dan il-kont[11] jirrapprezenta "*spejjez Bankarji relatati mal-Lifestyle Loan u l-Overdraft/Current Accounts fuq imsemmija*".

Imbaghad, fix-xhieda tieghu, Alfred Ferrante jispjega illi dan huwa ammont li gie *encroached* mill-*account holders* b'mod li dan il-kont (li wara kollox huwa savings/deposit account) kien minn taht, cioe` gie *overdrawn* fl-imsemmi ammont[12]. Minkejja dan, il-Qorti tqis li l-pretensjoni tal-Bank mhix sorretta mill-atti processwali. Ghalkemm il-Bank esebixxa Dok. F li skont hu jirrapprezenta l-ammont dovut fuq dan is-*savings account*[13], naqas palezement milli juri kif wasal ghall-ammont pretiz bhala *encroachment* fuq dan il-kont ghalkemm gie rinfaccjat b'eccezzjoni specifika[14] tal-konvenut biex tingieb prova tal-imghax applikat fuq il-kontijiet mertu tal-kawza, u biex jintwera jekk l-ammont mitlub jinkludix *charges*, ledger fees u commission. *Multo magis* meta permezz tat-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut jeccepixxi ulterjorment li t-talbiet attrici jinkludu *inter alia*, charges, ledger fees u *commission* li mhux dovuti. B'mod generali, il-konvenut jeccepixxi specifikatament ukoll illi huwa mhux debitur tal-Bank fl-ammont mitlub. Konformement, il-Qorti kienet tistenna li l-Bank igib prova ta' f'hiex jikkonsisti dan l-ammont li qed jintalab u mhux semplicement jindika x'inhuwa l-bilanc minnu pretiz galadarba dan il-bilanc qed jigi kontestat.

Izda, il-Qorti tosserva li l-Bank esebixxa biss, in sostenn tal-ammont pretiz fuq is-*savings account*, l-i*statement* Dok. F li ma jindika xejn hlief l-ammont bilancjali allegatament dovut, u ma jindika b'ebda mod kwalsiasi dawk l-"*ispejjez bankarji*" li l-Bank qed jallega li gew applikati fuq dan il-kont in konnessjoni mal-*loan account* u l-*overdraft/current account*. Il-Qorti tippretendi li biex jissodisfa l-oneru tal-prova inkombenti fuqu galadarba gew sollevati l-eccezzjonijiet fuq

[11] €221.88.

[12] Ara xhieda ta' Alfred Ferrante fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2018.

[13] F'Dok. F, il-kont huwa indikat bhala "current account".

[14] It-tieni eccezzjoni.

imsemmija, il-Bank kellu talanqas jipproduci *statement* jew prospett dettaljat li jindika precizament meta dan il-kont gie *encroached* u f'liema ammont, bi spjega wkoll tal-ammonti li gew addebitati lill-istess *savings account* in linea ta' spejjez li qed jigi allegat li gew applikati in konnessjoni mal-kont tas-self u *overdraft*.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Din il-prova kienet mehtiega anke biex, mehud qies tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, il-Qorti tkun f'pozizzjoni li tevalwa dawn l-eccezzjonijiet billi tikkonstata jekk tali spejjez pretizi humiex effettivament dovuti u fl-affermattiv, jekk inhuma dovuti fl-ammonti attwalment pretizi. Izda, dan l-ezercizzju li l-Qorti hija fid-dover li taghmel fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ma tistax twettqu abbazi tal-atti li ghandha quddiemha, u ghalhekk, anke partikolarment in vista tal-eccezzjoni tal-konvenut illi gie mizjud imghax kompost mill-bank anke fuq ic-*charges* li gew applikati fuq il-kapital, il-Qorti ma tistax hlief tqis li l-Bank ma gabx prova sodisfacjenti dwar l-ammont minnu pretiz fuq dan il-kont *savings*.

Biex waslet ghal din il-konkluzjoni, il-Qorti ma naqsitx milli tiehu konjizzjoni ta' Dok. P (fol. 36) li huwa *Tariff of Charges* applikabbli fuq kontijiet *savings* u kontijiet kurrenti. Izda ghalkemm dan id-dokument jindika, fost ohrajn it-tariffi applikabbli in kwantu *administration fees*, *encroachment* u *excess fees* u diversi *charges* ohra, jirrizulta li t-tariffi indikati huma dawk applikabbli fis-sena 2017 biss, oltre l-fatt illi l-Bank naqas milli jaghti prova tal-*Bank Base Rate* (BBR) tal-imghax li kien applikabbli ghas-snin precedenti li fihom kien attiv dan il-kont[15]. Izda f'kull kaz, fin-nuqqas ta' ebda indikazzjoni ta' meta dan il-kont gie *encroached*, u liema mill-ispejjez indikati huma l-ispejjez specifikatament applikati u reklamati mill-Bank fuq dan il-kont, it-talba ghall-hlas ma tistax tigi kkunsidrata

---

[15] Infatti, mill-imsemmi Dok. P jirrizulta li t-tariffi kienu gew aggornati fl-4 ta' Jannar 2017.

wisq anqas akkolta, fil-qafas li assumiet din l-azzjoni fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut[16].

Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tichad it-talba tal-Bank ghas-somma mitluba fuq is-*savings account* numru 384020181.

**<u>L-Eccezzjonijiet l-Ohra tal-Konvenut</u>**

Kif inghad, permezz tat-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fir-Risposta tieghu, il-konvenut jikkontesta li huwa debitur tal-Bank fl-ammonti mitluba u, oltre li jikkontesta l-applikazzjoni tal-imghax u d-diversi *charges* mizjuda fuq il-kapital, b'mod generali jesigi prova tar-rata u l-kalkolu tal-imghax applikat mill-Bank fuq id-diversi kontijiet mertu tal-kawza, kif ukoll prova tac-*charges* li setghu gew mizjuda.

*<u>Lifestyle Loan Account</u>*

Ghal dak li jikkoncerna l-*Lifestyle Loan account*, kif gia` nghad, mill-i*statement of account* Dok. AF a fol. 60[17] bin-numru 384020.071.001, jirrizulta li fil-21 ta' Frar 2014 gie depozitat fl-istess *loan account* is-somma ta' €15,000. Mill-i*statements* esebiti mill-Bank ma jirrizultax x'ripagamenti saru akkont ta' dan is-self <u>wara l-21 ta' Frar 2014</u>, izda f'din il-kawza l-Bank qed jitlob il-hlas tas-somma ta' €8,085.70 li, skont l-istess Bank huwa l-bilanc dovut u li jirrizulta minn Dok. B anness mar-

[16] Ghall-kompletezza, il-Qorti tosserva wkoll li fil-kalkolu tal-imghaxijiet mitluba fuq il-bilanc indikat fil-prospett Dok. F, jidher li hemm diskrepanza bejn ir-rata ta' imghax applikata fl-imsemmi Dok. F (10%) u r-rata ta' imghax indikata f'Dok. P (9.5%) bhala applikabbli f'kaz ta' *overdrawn balances* fis-*savings account.* Mizmum ferm il-premess*,* tqis ukoll li kien imperattiv illi fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, din id-diskrepanza kellha tigi epurata mill-Bank.

[17] Dan huwa l-istess bhal Dok. AF1 u AF2 a fol. 62 u 65 rispettivament.

rikors promotur[18]. Fl-istess rikors promotur, il-Bank ifisser li dan l-ammont huwa kompriz mis-somma bilancjali ta' €7,919.39 kif dovuta fit-18 ta' Lulju 2017 fuq il-*loan account*, pju` €166.30 f'imghaxijiet dekorruti wara l-imsemmija data. Madanakollu, fl-atti ma gie esebit ebda *statement of account* iehor relattivament ghat-transazzjonijiet li saru u l-ammonti li gew addebitati lill-imsemmi kont bankarju bejn il-21 ta' Frar 2014 u t-18 ta' Lulju 2017, la kwantu spejjez jew *charges* amministrattivi, u lanqas kwantu imghax. Effettivament, jidher li m'hemm ebda prova kwalsiasi fl-atti dwar f'hiex jikkonsisti l-bilanc mitlub oltre ghall-indikazzjoni tal-bilanc allegatament dovut fit-18 ta' Lulju 2018 u imghax ulterjuri fis-somma ta' €166.30.

Inoltre, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li l-imsemmi Dok. B, ghalkemm jirreferi ghal kont f'isem Ronnie Mangion u Bree Lora Miller, evidentement jaghmel referenza ghal *loan account* (184020071001) b'numru differenti minn dak mertu ta' din il-kawza (384020071001). Minkejja dan pero`, u fi kwalsiasi kaz, jibqa' l-fatt li l-Bank naqas b'mod assolut milli jaghmel il-prova rikjesta mill-konvenut dwar dan il-kont, ossia f'hiex jikkonsisti l-bilanc mitlub, x'ammonti gew addebitati lil dan il-kont in linea ta' *ledger fees*, *charges* u imghax fost ohrajn. Il-Qorti tqis ukoll li dan in-nuqqas jassumi iktar gravita` mehud in konsiderazzjoni l-fatt li l-konvenut eccepixxa spefikatament, *inter alia*, illi t-talba tal-Bank tinkludi fost ohrajn imghax kompost u *charges* u fees ohra li mhux dovuti, <u>kif ukoll imghax kompost mizjud ulterjorment fuq dawn l-ammonti</u>[19].

Ghalkemm il-Qorti hadet konjizzjoni ta' Dok. Q li huwa *Tariff of Charges* applikabbli mill-Bank fuq facilitajiet ta' self personali, tosserva illi t-tariffi indikati huma dawk applikabbli fis-sena 2017 u ma ngiebet ebda prova jekk dawn it-tariffi kienux ukoll applikabbli fl-istess rata bejn is-snin 2014 u 2017.

---

[18] Fol. 10.

[19] It-tielet eccezzjoni.

In kwantu ghall-imghax, huwa risaput fil-gurisprudenza ormai assodata tal-qrati taghna[20], illi filwaqt li r-regola kontenuta fl-Artikolu 1850 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta m'hijiex applikabbli f'kaz ta' kont kurrenti u facilitajiet ta' *overdraft* fuq dawn il-kontijiet, l-istess Artikolu 1850 jiddivjeta espressament li f'kuntratt ta' mutwu l-imghaxijiet gia` maghluqa jigu kapitalizzati b'frekwenza ta' iktar minn darba fis-sena.

Konformament mal-premess, il-Qorti tqis illi, biex jillibera ruhu mill-eccezzjoni tal-konvenut li kellhom jitressqu provi dwar l-imghax applikat fuq il-kontijiet inkluz fuq il-*Lifestyle loan account*, il-Bank kellu jipproduci mqar prova permezz ta' *statement of account*, ta' l-*entries* tal-imghax, bir-rata relattiva, li gie applikat fuq il-*Lifestyle Loan account* tal-konvenut matul il-perijodu li fih kien attiv dan l-istess kont. Dan, fil-fehma tal-Qorti, kien imperattiv biex il-Bank jghaddi l-oneru tal-prova lill-istess konvenut biex, in omagg ghall-principju *ei incumbit probatio qui affirma et non qui negat*, jipprova huwa stess il-fondatezza tal-eccezzjoni tieghu billi juri kif, f'dan il-kaz, gew applikati imghaxijiet b'lezjoni tar-regola tal-anatocizmu u l-Artikoli tal-Ligi minnu citati fir-Risposta tieghu.

Izda, f'dan il-kaz odjern, minghajr ebda prova kwalsiasi tar-rata tal-imghax applikabbli matul il-perijodu li fih kien attiv il-kont in kwistjoni, wisq anqas tal-imghax <u>attwalment</u> applikat fuq dan il-kont u l-frekwenza tal-kapitalizzazzjoni – mizmum ferm li dan il-kont huwa wiehed ta' mutwu - ma jistax jinghad illi l-Bank inheles mill-piz tal-prova inkombenti fuqu biex jintwera kif u b'liema mod gie applikat l-imghax u sabiex, fl-ahhar mill-ahhar, jigu mistharrga l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut. In effetti, ma jirrizulta bl-ebda mod mill-atti x'kienet ir-rata tal-imghax attwalment applikata biex il-bilanc allegatament dovut fuq il-*loan account* fit-18 ta' Lulju 2017, ammonta ghal €7,919.35[21], u lanqas jekk dan il-bilanc diga` jinkludix l-imghax o meno. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-fatt illi

---

[20] Ara fost ohrajn **Bank of Valletta p.l.c. vs Charles Muscat et**, deciza mill-P.A. Qorti Civili fis-6 ta' Mejju 2004 u l-gurisprudenza ampja fiha citata.

[21] Vide Dok. A li mhux iffirmat, lanqas mill-konvenut, u Dok. B.

Dok. B huwa intestat *Statement of Account at Simple Interest,* intestatura li taghti x'tifhem illi l-imghax applikat fuq il-bilanc dovut qabel it-18 ta' Lulju 2017 seta' kien imghax kompost. Galadarba kien hemm eccezzjoni specifika fir-rigward, il-Qorti kienet tistenna illi talanqas kellu jigi epurat dan l-apparenti konflitt fir-rigward l-applikazzjoni ta' imghax kompost fuq il-kont.

Kif inghad, huwa minnu li gie ppruvat li l-Bank ivversa lill-konvenut u lil Bree Lora Miller is-somma ta' €15,000 in linea ta' self fuq *Lifestyle Loan Account*. Izda, fin-nuqqas assolut ta' provi in sostenn tal-ammont bilancjali allegatament dovut mill-konvenut f'din il-kawza, fejn l-istess konvenut qed jikkontesta li ghandu jaghti l-ammont li qed jigi mitlub tant illi talab li tingieb prova specifika tar-rata tal-imghax, imghax kompost u *charges* u spejjez ohrajn komprizi fil-bilanc pretiz, il-Qorti tqis illi l-Bank naqas milli jissodisfa l-piz tal-prova inkombenti fuqu bis-sahha tal-principju *actori incumbit onus probatio*[22].

Wara kollox, kif awtorevolment ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Bank of Valletta Limited vs Anna's Trading Company Limited et**[23]:-

"*Din il-Qorti trid taghmilha cara li stante illi d-derogi ghar-regoli normali ta` dritt ta` pajjizna huma regoli maghmula favur il-Banek u istituzzjonijiet finanzjarji allura huwa huma li jridu jippruvaw li verament dawn ir-regoli qeghdin jigu skruplozament interpretati fil-limiti ta` l-eccezzjonijiet fuq maghmula u dan proprju ghax, kif gie ritenut f`uhud mis-sentenzi msemmija f`dan l-Appell, dawn id-derogi favur dawn l-istituzzjonijet huma derogi minn provvedimenti li huma minimament ta` ordni pubbliku, izda li, f`certi kazijiet, il-Legislatur dehrlu li kellu jidderoga minnhom.*" [sottolinejar ta' din il-Qorti]

[22] Ara in propositu **Emily Stivala et vs Paula Pace**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2018.

[23] Deciza 6 ta' Dicembru 2002.

Konsegwentement, il-Qorti hija tal-fehma li l-prova dwar il-konsistenza tal-bilanc mitlub mill-Bank fuq il-*Lifestyle Loan Account* kienet essenzjali ghall-evalwazzjoni u determinazzjoni tat-talba attrici ghall-hlas u tal-eccezzjonijiet sollevati fir-rigward, u fin-nuqqas ta' tali prova l-Qorti ma tistax takkolji t-talba ghall-hlas.

*Overdraft Account*

Kwantu ghall-facilita` ta' *overdraft* koncess lill-konvenut u lil Bree Lora Miller fuq il-kont kurrenti taghhom bin-numru 384020010001, il-Qorti ma tistax ma tapplikax b'mod generali, l-istess kunsiderazzjonijiet appena maghmula fir-rigward tal-*Lifestyle Loan Account*. Hawnhekk ukoll il-Bank falla fl-oneru tieghu bhala l-attur konfrontat b'eccezzjoni specifika biex issir il-prova tal-konsistenza tal-ammont pretiz bhala bilanc fuq dan il-kont[24], u minhabba f'dan in-nuqqas ma jistax jigi stabbilit effettivament x'charges u imghax gew applikati fuq il-kapital, u b'liema modalita` gie applikat l-imghax kompost, kif del resto eccepit espressament mill-konvenut fit-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tieghu.

Mill-atti jirrizulta illi l-uniku *statement* dettaljat tal-kont kurrenti bin-numru 38402010001 huwa dak esebit a fol. 61, li huwa l-istess bhal dawk esebiti a fol. 63 u 66 tal-process. Madanakollu, huwa evidenti li filwaqt li dan l-i*statement* ikopri biss il-perijodu bejn l-1 ta' Frar 2014 u t-28 ta' Frar 2014, ma jaghti ebda prova dwar jekk u meta l-facilita` tal-*overdraft* koncessa fl-4 ta' Frar 2014, gietx effettivament utilizzata u f'kaz affermattiv, f'liema ammont. Fuq kollox, dan l-istatement ma jaghti ebda indikazzjoni kwalsiasi tal-imghax applikat fuq xi *overdrawn balance* li seta' kien hemm, u x'*charges* ohra setghu gew applikati u/jew addebitati.

[24] Cioe` fis-somma indikata f'Dok. D ta' €1,407.25.

Jigi ribadit illi hawnhekk qeghdin fil-kamp tal-provi fejn l-applikazzjoni tal-principju *ei incumbit probatio qui dicit et non qui negat* hija assoluta talanqas fil-procedura civili generali. *Multo magis* meta l-attur jigi rinfaccjat, bhal f'dan il-kaz, b'eccezzjoni li l-konvenut mhux id-debitur tal-attur fl-ammont reklamat u tintalab prova tal-imghax u *charges* imposti mill-Bank fuq il-kont biex jigu identifikati l-imghaxijiet u determinata l-konsistenza tal-bilanc mitlub.

Din il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz il-Bank attur, oltre li kien effettivament imsejjah biex jepura l-konsistenza tal-ammont minnu reklamat, kellu kull opportunita` biex igib din il-prova izda minflok, ghazel li ma jressaq ebda prova. Kif gia` nghad, dan in-nuqqas jassumi iktar relevanza u gravita` fil-qafas tal-eccezzjoni li imponiet fuq l-attur l-oneru specifiku li jipprova kif wasal ghall-bilanc minnu mitlub in kwantu *imghax* u *charges*.

*<u>Credit Card Account</u>*

Kwantu ghall-ammont pretiz fuq il-*Credit Card Account* numru 4196 7960 0014 5465, il-Qorti tosserva illi anke hawnhekk, mizmumin ferm l-eccezzjonijiet tal-konvenut, ma jirrizultax mill-atti x'rata ta' imghax kienet diga` giet effettivament applikata fuq il-bilanc indikat f'Dok. H ta' €645.07 qabel it-18 ta' Lulju 2017. Lanqas jirrizulta jekk ir-rata ta' 8.5% imsemmija f'Dok. H kienetx ukoll applikata sa mill-konkluzjoni tal-ftehim Dok. G fil-5 ta' Novembru 2013 u kontinwament sal-imsemmija data. Barra minn hekk, il-Qorti tqis li in vista tal-fatt li skont kif jirrizulta kemm mill-imsemmi Dok. G kif ukoll minn Dok. S, it-tibdil tal-*Bank Base Rate* hija fid-diskrezzjoni pjena tal-Bank[25], l-istess Bank kien tenut li jressaq prova tal-*Bank Base Rate* li kienet applikabbli minn zmien ghal zmien matul il-perijodu kollu li kien attiv il-*credit card account* in kwistjoni, u dan biex jissostanzja l-pretensjoni tieghu rinfaccjat bit-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

[25] Skont Dok. S, din il-BBR "*fluctuates according to market conditions*."

Ghall-bqija, il-Qorti ma tistax hlief taghmel l-istess osservazzjonijiet u kunsiderazzjonijiet gia` maghmula fir-rigward tat-talbiet tal-bank riferibbilment ghall-kontijiet kollha l-ohra mertu ta' din il-kawza.

Fuq l-iskorta tal-premess, il-Qorti tqis li l-Bank attur ma ssodisfax l-oneru tal-prova – li kien inkombenti fuqu – liema prova kienet indispensabbli biex tista' tigi deciza l-vertenza fil-qafas tal-eccezzjonijiet imqajma mill-konvenut, u ghaldaqstant it-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu u ghandhom jigu michuda *in toto*.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad in parte t-tieni eccezzjoni, tilqa' limitatament it-tieni eccezzjoni, u tilqa' wkoll it-tielet u r-raba' eccezzjoni, safejn kompatibbli ma' dak hawn fuq deciz u konsegwentement, tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici bl-ispejjez kollha a kariku tal-istess socjeta` attrici.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Annalise Spiteri**
**Deputat Registratur**

***Illum 30 ta' Jannar 2019*** ***Magistrat Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.***